*Ladraba l-ilsien Malti wettaq dak kollu li kien mistenni minnu u safa' ta' ġid għall-poplu, ma satax ma jsibx post fit-tfassil tal-kostituzzjonijiet li kellna fl-aħħar kwart ta' seklu għax fuq kollox il-ċostituzzjoni ma hix ħaġ'oħra ħlief għamla ta' treġija għall-ġid u l-hena tal-poplu, u jekk poplu toftmu mill-ilsien tiegħu tkun qiegħed tagħmillu tort kbir, tirrendih infeliċi u toħnoqlu s-sentiment patrijottiku u nazzjonali.*

---

## ĦLASIJIET MINN MEMBRI U MSEĦBIN F'"IL-MALTI"

**F'dan in-Numru ta' "IL-MALTI" Membri u Mseħbin f'"IL-MALTI" għandhom isibu avviż ta' dawk il-ħlasijiet jew ħlas li għandhom jingħataw minnhom lit-Teżorier tal-Għaqda.**

**Infakkru lil dawk il-Membri u Mseħbin li baqgħu lura fil-ħlaisjiet tagħhom biex ifittxu jirregolaw irwieħhom mat-Teżorier.**

**Jisgħobbina ngħarrfu lil dawn il-murużi il kontra qalbna jkollna nieħdu passi skond id-deċiżjoni tal-Kunsill u ta' l-Istatut kemm-il darba jibqgħu lura fil-ħlasijiet tagħhom bħala Membri jew Mseħbin f'"IL-MALTI".**

---

## ERRATA-CORRIGE

Fl-editorjal ta' l-aħħar (Nru. ta' Marzu) fl-ewwel vers tal-paġna 6, jonqos dan il-kliem, *li ma deherx fl-istampa*, u li għandu jorbot mal-vers ta' wara : *jaħsbu x-xjenzjati tal-ġerjatrija u tal-ġerontoloġija jkun hemm, eċċ.*



# DR. LWIGI MIZZI

*Ta'* ĠUŻE' DIMECH DEBONO

PAJŻAN kbir tagħna, li bil-pinna u b'setgħat oħra ħadem sħiħ biex igħolli Artna u Lsien Artna, huwa bla dubju Lwiġi Mizzi.

Lwiġi Mizzi kien bin il-Maġistrat Dr. Franġisku, u twieled ġewwa Għawdex fis-sena 1847.

Billi skond iz-zokk il-fergħa, għalhekk mar jistudja Pisa għall-istess professjoni ta' missieru.

Mill-Università t'hemm u t'Artna huwa ħa l-Lawrja meta kellu 21 sena. Bħala avukat ma damx ma kellu okkażjoni li juri ruħu 'l bogħod minn xtajtietna. Għax darba fost l-oħrajn, Sir Adrijanu Dingli, li kien Għawdxi kbir ieħor, għarrfu li kieku kien jaf bil-Grieg, allura seta' jmur jiddefendi kawża fuq somma ta' £73,000 ġewwa l-Qorti ta' Atene.

Imma Dr. Lwiġi Mizzi għaraf jirbaħ dak is-saram billi fi żmien sitt xhur tgħallem l-Ilsien imsemmi, u mbagħad iddefendieha b'suċċess li għamlu tassew magħruf mal-Lvant kollu.

L-istess ħaġa għamel bl-Ilsien Russu meta ħtieġu għal kawża kbira oħra. Għax tabilħaqq bil-letteratura kompluta tagħhom u bit-taħriġ sħiħ daqs li kieku bniedem tal-post, Dr. Lwiġi Mizzi tgħallem ħdax Ilsien barrani, minbarra wkoll ħafna djaletti Orjentali.

Imfittex kif kien, huwa tgħidx kemm ivvjaġġa minn art għal oħra biex jiddefendi kawżi ta' l-aqwa aġenziji ta' vapuri.

Imma l-qagħda tiegħu regolari kienet f'Kostantinopli fejn mar wara li żżewweġ lill-ewwel mara tiegħu fl-1872, u fejn dam 45 sena.

Magħruf bħala l-aqwa avukat t'hemm, hu kien imfittex għall-pariri għaqlin tiegħu sa minn slaten, prinċpijiet u kbarat oħra.

Mhux ta' b'xejn li bosta Ġnus u Stati ma baqgħux lura li jweġġħuh kif kien jixraqlu .

Għalhekk insibuh maħtur Kavalier u aqwa minn Kavalier ta' Ordnijiet differenti u ta' Saltniet differenti, bħal "L-Ordni tas-Sepulkru Mqaddes ta' Ġerusalemm" mill-Vatikan, "L-Ordnijiet Rjali Ingliż ta' San Mikiel u San Ġorġ", "L-Ordni Rjali tal-Kuruna ta' l-Italja", "L-Ordni Rjali ta' Iżabella l-Kattolika" ta' Spanja, "L-Ordni Imperjali ta' Osmanie" tat-Turkija u "L-Ordni Imperjali tax-Xemx u l-Iljun" tal-Persja.

Aktar minn hekk il-Greċja għamlitu l-ewwel Kavalier u